MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 804/2006

**Earl Lewis Philip sive Earl Louis Philip Spiteri**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Malta**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tar-rikorrenti debitament konfermat bil-gurament fejn gie premess:-

Illi l-attur dejjem kiteb ismu Earl Louis Philip, hekk kif jista’ jigi dedott minn diversi dokumenti ta’ identifikazzjoni fosthom il-passaport tieghu mahrug minn New Zealand, u

ic-certifikat tat-twelid tieghu immarkata Dok AF1 u Dok AF2 rispettivament;

Illi wara rikors volontarju numru 121/1995 fil-Gurisdizzjoni Volontarja ta’ Ghawdex, il-Qorti awtorizzat ir-registrazzjoni ta’ Earl Louis Philip Spiteri izda bi zvista ismu inkiteb Earl LEWIS Philip Spiteri minflok Earl LOUIS Philip Spiteri, kif jidher car mic-certifikat hawn anness u mmarkat Dok AF3 li jgib in-numru 6069/1983;

Illi dan l-izball sehh ghal darba ohra fuq il-karta tal-identita’ tieghu kif jidher mid-dokument hawn anness u immarkat Dok AF4;

Illi l-attur jixtioeq jikkoregi dan l-izball billi ismu ikun jinkiteb bl-istess mod f’kull registru u dokument pubbliku;

Illi l-attur ghandu bzonn urgenti sabiex isiefer sa New Zealand peress illi n-nanna materna tieghu tinsab hazin u qed isib diffikulta’ jirregolizza il-karti sabiex ikun jista’ jinhariglu il-passaport;

Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob li din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna :- .

1. Tawtorizza il-korrezzjoni u r-registrazzjoni fic-certifikat tat-twelid numru 6069/1983 skond il-provedimenti tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili, sabiex isem ir-rikorrent jinkiteb EARL LOUIS PHILIP SPITERI;

2. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless f’kull att ta’ l-istat civili relattiv tal-mittenti, jekk ikun il-kaz u dan skond l-artiklu 253(3) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-konvenut gie mharrek sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimat fejn gie eccepit illi huwa mhux f’posizzjoni li jirrispondi ghar-rikors odjern stante illi la hu u lanqas l-Avukat Generali ma huma noftifikati bir-rikors guramentat promutur numru 804/06 (GC) ipprezentat fid-29 ta’ Awissu 2006;

Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimat debitament konfermata bil-gurament fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament l-Avukat Generali ghadu ma giex notifikat ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma joggezzjonax ghat-talba dedotta fir-rikors guramentat tar-rikorrent;

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi jehtieg li r-rikorrent jispecifika liema huma l-Atti ta' l-Istat Civili li qed jitlob li jigu korretti u dan ai termini ta' l-Artikolu 253(3) tal-Kap 16;

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Atti tat-Twelid tar-rikorrent m'hux attribwibbli ghal xi nuqqas tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghaldaqstant m' ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti stante illi ma jirrizulta li sar zball min-naha tieghu. Fil fatt jirrizulta li l-esponent inserixxa fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 6069/1983 id-dettalji kif kienu specifikat fid-digriet tal-Qorti li ddekretat l-adozzjoni tar-rikorrent;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Jannar, 2007 minn fejn jirrizulta li Dr. Roma D'Alessandro tat ruha b'notifikata bir-rikors promotur ghall-Avukat Generali u minn fejn jirrizulta ukoll li r-rikorrenti ddikjara li l-att civili li jrid li jigi korrett huwa l-Att tat-Twelid kif ukoll ir-registrazzjoni ghar-rigward tar-rikorrenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

It-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw suffucjentement gustifikati u dana anke in vista tal-fatt li l-intimat mhux qed joggezzjona ghall-istess talbiet kif dedotti fir-rikors promotur. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa talbiet kollha attrici u tawtorizza il-korrezzjoni u r-registrazzjoni fic-certifikat tat-twelid numru 6069/1983, skond il-provedimenti tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili, sabiex isem ir-rikorrent jinkiteb EARL LOUIS PHILIP SPITERI u tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili relattivi ghar-rikorrenti u cioe fl-att tat-twelid u fir-registrazzjoni relattiva u dana skond l-artiklu 253(3) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

In vista tan-natura specjali tal-kaz l-ispejjez kollha jkunu a kariku tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------